MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 58

Il-Ħamis,28 ta' Awissu, 2023

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 58.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

58.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

58.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 58.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

58.2.1 Is-Sindku qal li ħadem fuq it-tenders li hemm il-fondi għalihom li jinkludu; bollards fil-pjazza, il-passaġġ ta' Triq il-Wileġ, electric van, rinovazzjoni tas-sala u t-tisbieħ ta' quddiem il-librerija. Dawn intbgħatu biex jiġu ppubblikati

58.2.2 Is-Sindku irraporta li l-ewwel darba li għalaqna l-pjazza għat-traffiku u pprovdejna logħob sempliċi għat-tfal u l-familja kienet suċċess u kien hemm qbil li din l-attività titkompla sal-aħħar ta' Settembru.

58.2.3 Is-Sindku qal li hu kiteb ittra lit-Transport Malta u kkoppja lill-Ministri tat-Transport u l-Kunsilli Lokali kif ukoll il-kelliema tal-oppożizzjoni fejn irraporta li qed jgħaddu madwar tletin trakk tal-ġebel kuljum lejn u mill-barrieri mgħobbija u b'veloċita' kbira b'periklu għar-residenti, kif ukoll b'dannu kbir għall-infrastruttura tal-Pjazza u t-Toroq. Hu kompla jgħid li l-Kunsill Lokali ma hu qed jieħu xejn minn dawn il-liċenzji u jkollu jara mnejn ser iġib il-flus biex iħallas l-ħsara li qed jagħmlu dawn il-vetturi.

58.2.4 Is-Sindku qal li rigward il-kwistjoni tal-ilma mill-ġibjun ta' taħt il-playing field, reġa' kien hemm xi rapporti li hemm min qed jabbuża u qed jimtela ammont esaġerat ta ilma. Kien hemm diskussjoni dwar din il-materja u l-Kunsill qabel li biex jiġi evitat dan l-abbuż u kull resident ikollu l-aċċess l-istess għandu jsir log book u kulħadd jikteb f'dikjarazzjoni kemm ikun ikun ħa u jingħata ċ-ċavetta jekk ma jkunx inqabeż l-ammont. . Il-Kunsill qabel unanimament.

58.2.5 Is-Sindku qal li r-Reġjun se jkollu ammont ta' studenti flimkien ma guardian magħhom li ġejjin mill-Ukraina u talbu jekk hemm xi Kunsilli interessati li jieħdu ħsieb lil dan il-grupp għall ftit siegħat. Is-Sindku ippropona li għandna nidħlu f'din it-talba u neħduhom id-Dwejra li tkun tinkludi tour fit-torri, fic-Centru Interprettattiv, dawra bid-dgħajsa kif ukoll lunch fl-Azure restaurant. Il-Kunsill qabel unanimament.

58.2.6 Is-SE ippreżentat l-ittra ta' direzzjoni (Management Letter) bil-kummenti tal-awdituri. Is-SE qalet li hi flimkien mal-accountant tal-Kunsill għamlet ir-risposti tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

58.2.7 Is-SE qalet li d-DLG talab sabiex hi tgħaddi l-leave li ser jiġi akkumulat lejn 2024. Is-SE qalet li se tgħaddi 108 siegħa. Il-Kunsill qabel unanimament.

58.2.8 Is-SE qalet li irċiviet korrispondenza sabiex jingħbar informazzjoni jekk il-Kunsill ta' San Lawrenz huwiex se jieħu sehem mal-Europride 2023. Wara diskussjoni sar qbil li titella' bandiera għall-okkażżjoni, wara li ttieħed vot bi vot li kien kontra u ieħor astjena. Kien hemm 3 voti favur..

58.2.8 Is-SE qalet li daħħlet rikjesta mingħand ċittadin sabiex il-Kunsill jikkonferma b'ittra li fi Sqaq tal-Franċiż il-Kunsill jieħu ħsieb il-manteniment tiegħu. Il-Kunsill qabel unanimament u għalhekk is-SE qalet li se tibgħatlu l-ittra.

58.2.9 Is-SE qalet li daħlet ittra anonima fejn residenti mhux magħrufa qed jitlobu sabiex nagħtu isem ta' triq: Triq il-qtates. Il-Kunsill qabel unanimament li ittri anonimi ma għandhomx jiġu ikkunsidrati.

## 58.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

58.3.1 Il-viċi sindku Anthony Formosa qal li r-resident fi Triq San Lawrenz għadu qed jistenna il-bozza sabiex tinqala' minn fuq ir-residenza tiegħu u teħel fuq arblu. Is-Sindku qal li l-ġurnata ta' qabel stess kellu komunikazzjoni magħhom u għandha tiġi konkluża daqt. Is-Sindku fakkar li ma din hemm bozza oħra li trid issir ġdida fi Triq Ċangura. Anke hawn is-Sindku qal li għandna qed nistennew il-kuntrattur.

58.3.2 Il-viċi sindku Anthony Formosa saqsa kif se nibqgħu rigward il-maintenance tal-pjazza. Is-Sindku qal li sikwiet jgħid lil kuntrattur sabiex nsibu data pero s'issa m'għandu xejn konfermat.

58.3.3 Il-Kunsillier Carmela Grima saqsiet għalfejn fir-raħal m'hawnx kaxxa tar-recycle tal-BRCS. Is-Sindku qal li ilu jitlob sabiex f'San Lawrenz titpoġġa waħda pero qatt ma kellu risposta pozittivi. Hu kompla jgħid li ser jerġa jibgħat rikjesta oħra. Sa dan it-tant is-Sindku nforma lill-Kunsill li bagħat proposta lil BRCS li f' San Lawrenz għandhom isiru bins on wheels ta' BRCS li jżuru r-raħal tlett darbiet fil-ġimgħa. Huwa qal li xi ħadd mill-BRCS qallu li ser ikellmu fil-ġranet li ġejjin.

## 58.4 Approvazzjoni tar-Rapport ta' Kull Kwart;

58.4.1 Is-SE ippreżentat ir-rapport ta' kull kwart. Dan ġie approvat.

## 58.5 Proġett tat-Tisbieħ ta' Quddiem il-Librerija;

58.5.1 Is-Sindku ippreżenta l-pjanta proposta ta' tisbieħ ta' quddiem il-librerija u ġiet approvata mill-Kunsill. Dan ser jinkludi wkoll proġett artistiku wkoll mill-artist Giordanella fejn approvajna l-artistic impression tiegħu fil-bidu tas-sena. Is-Sindku kompla jgħid li dan il-

proġett li ser nagħmlu aħna fl-ispiża ma jinkludix dan ix-xogħol artistiku, għal dawn is-Sindku qal li rranġa mar-Reġjun biex isir xi trasferimenti ta' fondi li jammontaw għall-€35,000, pero li jridu jintafqu sal-aħħar tas-sena.

## 58.6 Proġett Corallo;

58.6.1 Is-Sindku qal li flimkien mal-ERA qed naħdmu sabiex jitwettaq il-proġett Corallo finanzjat mill-UE fiċ-Ċentru tad-Dwejra biex inkomplu nagħmluh aktar interessanti. Hu kompla jgħid li fil-jiem li ġejjien ser imorru l-ħaddiema tal-id u jżarmaw xi xogħol sabiex imbagħad jiġi installat gypsum.

## 58.7 Keep Fit Courses;

58.7.1 Is-Sindku qal li l-interess hu ferm pożittiv rigward dawn il-fitness classes. Is-Sindku ippropona li nitlobu il-pagament ta' €70.00 ta' kull persuna li jkopri l-ispiża tal-instructor u jibqa' xi ħaġa li minnha tgawdi wkoll l-iskola. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 58.8 Programm tal-European Mobility Week 2023;

56.8.2 Is-Sindku qal li għal sena oħra ser inkunu qed napplikaw għall-EMW. Is-Sindku ippreżenta l-weekly events li f'ġurnata partikolari, fil-car free day ser intellgħu serata ta' divertiment għat-tfal u l-familja fil-pjazza. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 58.9 Għoti tal-Onorifiċenza taċ-Ċittadin Onorarju lil ex Kappillan Dun Charles Sultana u l-Kappillan ta' Amaseno Don Italo Cardarilli;

56.9.2 Is-Sindku ippropona li bħal ma kien sar diversi snin ilu, bħala apprezzament tal-ħidma li twettqet minn persuni li ma humiex minn San Lawrenz, imma ħadmu ħafna għal San Lawrenz il-Kunsill jagħti l-onorifiċenza ta' Ċittadini Onorarji. Is-Sindku qal li hu qed jinnomina lil ex Kappillan Dun Charles Sultana u l-Kappilan ta' Amaseno Don Italo Cardarilli u l-viċi sindku Kunsillier Anthony issekonda. Kien hemm qbil unanimu għal din il-mozzjoni mis-Sindku.

## 58.10 Clean up the World;

56.10.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill ingħata fondi sabiex itellgħa Clean up the World oħra għal din is-sena. Hu kompla jgħid li s-sena din ser tkun fi 15 ta' Settembru u l-lukanda 'Kempinski' ser tieħu sehem fl-attivita'. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 58.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

58.11.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

58.11.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 58.12.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

58.12.1 Il-laqgħa intemmet fl-09:15 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 28 ta'Settembru 2023 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv